MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 701/2000/1

**Giuseppe Galea u b'Digriet tat-8 ta' Lulju 2002 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Marica, Joseph u Joan ahwa Galea bhala unici eredi tal-mejjet missierhom Joseph Galea u Rose Galea armla ta' l-istess Joseph Galea bhala kompartecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti già ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha**

**Vs**

**Christopher Sciberras**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat minn Giuseppe Galea fil-25 ta' Mejju 2000 permezz ta' liema talab li Christopher Sciberras jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' mija u ghaxar Liri Maltin (Lm110), illum ekwivalenti ghal €256.23, rapprezentanti arretrati ta' kera minnu dovuti ghax-xhur ta' Ottubru u Novembru 1999 ghall-kiri tal-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, kif ukoll li jigi kkundannat ihallsu in linea ta' danni, id-danni minnu

kagonati waqt li kien qed jokkupa l-imsemmi fond hekk kif likwidati mill-Qorti, bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra tieghu;

Rat li gie dikjarat li ghall-fini ta' kompetenza l-ammont mitlub ma jeccedix is-somma ta' Lm500, illum ekwivalenti ghal €1,164.69;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ipprezentata minn Christopher Sciberras permezz ta' liema eccepixxa li: (i) huwa hallas il-kera kollha tal-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, u ma ghandu ebda arretrati ta' kera fir-rigward ta' dan l-istess fond, u ghalhekk it-talba attrici ghall-hlas ta' l-arretrati ta' kera hija infondata fil-fatt u fid-dritt; u (ii) huwa ma kkaguna l-ebda danni fil-fond in kwistjoni kemm dam jokkupah, u ghalhekk it-talba attrici ghall-hlas tad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut permezz ta' liema talab li l-Qorti: (i) tiddikjara lill-attur unikament responsabbli ghad-danni minnu sofferti b'konsegwenza ta' l-agir abbusiv u illegali ta' l-istess attur fil-konfront tieghu; (ii) tillikwida d-danni minnu sofferti; u (iii) tikkundanna lill-attur ihallsu d-danni hekk likwidati, bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Giuseppe Galea ghall-kontro-talba tal-konvenut permezz ta' liema eccepixxa li l-kontro-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma huwiex responsabbli ghal ebda dannu versu l-konvenut peress illi l-provvista ta' l-elettriku giet sospiza mill-Korporazzjoni Enemalta meta l-konvenut ma hallasx ghal dan is-servizz kif kien obbligat li jaghmel, u fi kwalunkwe kaz il-konvenut irid igib il-prova tad-danni minnu sofferti;

Semghet ix-xhieda moghtija minn Giuseppe Galea waqt is-seduti tas-17 ta' Jannar 2001[1] u tat-30 ta' April 2001[2] u rat-id-dokumenti minnu esebiti waqt l-imsemmija seduti a

[1] Fol. 16 sa' 19 tal-process.
[2] Fol. 26 u 27 tal-process.

fol. 20 sa’ 24 tal-process u a fol. 28 sa’ 32 tal-process rispettivament;

Rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut permezz ta’ Nota pprezentata fit-22 ta’ Ottubru 2001, flimkien markati Dok. “CS1” a fol. 35 sa’ 48 tal-process u d-dokumenti minnu esebiti permezz ta’ Nota pprezentata fid-29 ta’ Ottubru 2002, markati Dok. “ZM1” sa’ Dok. “ZM10” a fol. 67 sa’ 81 tal-process, u semghet ix-xhieda moghtija mill-konvenut waqt is-seduti tad-9 ta’ Ottubru 2002[3] u tat-28 ta’ Jannar 2003[4];

Semghet ix-xhieda tal-Perit Joseph Bondin[5] u ta’ David Darmanin[6] moghtija waqt is-seduta tad-19 ta’ Mejju 2003, u semghet ix-xhieda ta’ Eric Montfort moghtija waqt is-seduti tat-28 ta’ Ottubru 2003[7], tal-25 ta’ Frar 2004[8], tat-3 ta’ Novembru 2004[9] u ta’ l-20 ta’ April 2005[10];

Rat li b’Digriet datat 8 ta’ Lulju 2002 il-gudizzju gie trasfuz f’isem Marica, Joseph u Joan ahwa Galea bhala unici eredi tal-mejjet missierhom Joseph Galea u Rose Galea armla ta’ l-istess Joseph Galea bhala kompartecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti già ezistenti bejnha u l-mejjet zewgha;

Semghet it-trattazzjoni da parte tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna Giuseppe Galea, illum mejjet, talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas: (i) is-somma ta’ Lm110, ekwivalenti ghal €256.23, rapprezentanti arretrati ta’ kera ghax-xhur ta’ Ottubru u Novembru 1999 ghall-kiri tal-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, u (ii)

[3] Fol. 55 sa’ 65 tal-process.
[4] Fol. 83 u 84 tal-process.
[5] Fol. 91 u 92 tal-process.
[6] Fol. 93 sa’ 95 tal-process.
[7] Fol. 99 sa’ 101 tal-process.
[8] Fol. 103 sa’ 106 tal-process.
[9] Fol. 112 sa’ 114 tal-process.
[10] Fol. 117 sa’ 120 tal-process.

ammont likwidat mill-Qorti rapprezentanti danni minnu kagonati waqt li kien qed jokkupa l-imsemmi fond. In risposta ghat-talbiet attrici il-konvenut eccepixxa li: (i) huwa hallas il-kera kollha dovuta ghall-kiri tal-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, u ma ghandu jaghti ebda arretrati ta' kera; u li (ii) ma kkaguna ebda danni fil-fond in kwistjoni kemm dam jokkupah u ghalhekk ebda ammont ma huwa minnu dovut in linea ta' danni. Il-konvenut jikkontendi li kien hu li sofra danni minhabba l-agir abbusiv u llegali ta' l-attur fil-konfront tieghu meta ha passi biex tinqata' l-provvista ta' l-elettriku fil-fond mikri lilu tul perijodu meta l-kera kienet già imhallsa u permezz ta' kontro-talba jitlob li l-attur jinsab responsabbli ghad-danni sofferti minnu u konsegwentement jigi kkundannat ihallas id-danni kif likwidati mill-Qorti. L-attur jikkontesta t-talba tal-konvenut u jichad li kkagunalu danni peress illi l-provvista ta' l-elettriku giet sospiza mill-Korporazzjoni Enemata ghaliex il-konvenut ma hallasx ghad-dawl u ilma kif kien tenut li jaghmel. Jikkontendi wkoll li fi kwalunkwe kaz il-konvenut irid jipprova d-danni minnu allegatament sofferti.

Il-Qorti ser tittratta d-diversi talbiet imressqa quddiemha b'mod sekwenzjali u cioè tittratta l-ewwel it-talbiet attrici w imbaghad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut.

**<u>Talba hlas arretrati ta' kera</u>:**

Mill-atti processwali jirrizulta li Giuseppe Galea kien kera l-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, lill-konvenut bis-sahha ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 13 ta' Mejju 1997,[11] ghall-perijodu ta' sitt xhur b'effett mid-data tal-ftehim versu l-kera ta' Lm660.00 fis-sena, ossia Lm55.00 fix-xahar. Bhala fatt wara li skada t-terminu ta' sitt xhur il-kirja tal-fond in kwistjoni baqghet ghaddejja favur il-konvenut bil-kera ta' Lm55.00 fix-xahar sat-13 ta' Jannar 1999 u bil-kera ta' Lm60.00 fix-xahar b'effett mill-14 ta' Jannar 1999 'l quddiem[12]. Il-konvenut irritorna c-cwievet tal-fond lil Giuseppe Galea f' Novembru 1999,

[11] Fol. 20 u 21 tal-process.
[12] Dok. "CS1" a fol. 35 sa' 48 tal-process u b'mod partikolari dwar iz-zieda fil-kera fol. 44 sa' 48 tal-process.

precizament fil-11 ta' Novembru 1999[13], u peress illi skond Galea l-ahhar skadenza ta' kera mhallsa mill-konvenut kienet tkopri l-perijodu bejn l-14 ta' Awwissu 1999 u t-13 ta' Settembru 1999[14], huwa eppretenda minghand il-konvenut hlas tal-kera ghall-perijodu bejn l-14 ta' Settembru 1999 u l-11 ta' Novembru 1999[15].

Il-konvenut jikkontendi li huwa hallas il-kera ghall-fond in kwistjoni sa' Novembru 1999, u cioè saz-zmien meta rritorna c-cwievet tal-fond lil Giuseppe Galea u ghalhekk ma ghandu jhallas ebda arretrati ta' kera. Bhala prova ta' dak minnu eccepit il-konvenut esebixxa r-ricevuti kollha rilaxxjati favur tieghu minn Giuseppe Galea li jkopra l-perijodu bejn it-13 ta' Mejju 1997 u t-13 ta' Settembru 1999, Dok. "CS1" a fol. 35 sa' 48 tal-process, minn liema jirrizulta li tul l-imsemmi perijodu Giuseppe Galea ircieva **kera** fl-ammont komplessiv ta' **Lm1,690**, illum ekwivalenti ghal €3,936.64.

Kalkolata l-kera li Giuseppe Galea kellu jircievi ghall-peirjodu bejn it-13 ta' Mejju 1997 u t-13 ta' Settembru 1999 bir-rata ta' Lm55.00 fix-xahar bejn it-13 ta' Mejju 1997 u t-13 ta' Jannar 1999 u bir-rata ta' Lm60.00 fix-xahar mill-14 ta' Jannar 1999 sat-13 ta' Settembru 1999, jirrizulta li tul l-imsemmi perijodu Galea kellu jircievi kera f' ammont komplessiv ta' Lm1,580.00, illum ekwivalenti ghal €3,680.40. Ghalhekk mir-ricevuti rilaxxjati minn Giuseppe Galea jirrizulta li ghall-perijodu bejn it-13 ta' Mejju 1997 u t-13 ta' Settembru 1999 huwa ircieva **Lm110.00** kera izjed, li huwa appuntu l-ammont minnu mitlub minghand il-konvenut bil-proceduri odjerni.

Giuseppe Galea u l-atturi odjerni ma taw ebda spjegazzjoni in gustifikazzjoni ta' dan il-hlas zejjed u ghalhekk l-unika konkluzzjoni li tista' tasal ghaliha din il-Qorti hi li kif gustament affermat mill-konvenut, huwa già hallas lil Giuseppe Galea s-somma ta' Lm110 pretiza bil-proceduri odjenri. Konsegwentement it-talba ghall-hlas ta'

[13] Xhieda ta' Giuseppe Galea moghtija waqt is-seduta tat-30 ta' April 2001, fol. 26 u 27 tal-process.

[14] Fol. 24 tal-process.

[15] Xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2001, fol. 16 sa' 19 tal-process.

l-arretrati ta' kera kif impostata minn Galea ma jisthoqqx li tigi milqugha.

**Talba ghall-hlas tad-danni:**

Kif già iktar ‘l fuq osservat Giuseppe Galea talab ukoll li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu d-danni minnu kawzati waqt li kien qed jokkupa l-fond meirtu tal-kontestazzjoni. In sostenn ta' din il-pretensjoni Giuseppe Galea esebixxa inventarju[16] fejn indika l-oggetti li sab imkissra u neqsin wara li l-konvenut irritorna c-cwievet tal-fond kif ukoll prospett tad-danni b'xi dokumenti annessi[17].

Il-Qorti tibda billi tosserva li mill-prospett tad-danni esebit minn Giuseppe Galea jirrizulta immedjatament evidenti li: (i) fit-talba ghad-danni qed jerga' jinkludi z-zewg skadenzi ta' kera li jiffurmaw il-meritu ta' l-ewwel parti tat-talba attrici; u (ii) l-allegati danni konnessi mas-serratura tal-bieb, mal-cooker u mad-dawl u ilma gew konteggjati darbtejn. Apparte dawn il-konteggi doppji, il-Qorti ma hijiex sodisfatta mill-prova mressqa minn Galea in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu li sab diversi oggetti fil-fond imkissra jew neqsin. Fuq ammissjoni ta' l-istess Giuseppe Galea l-inventarju li sar wara li l-konvenut irritorna c-cwievet tal-fond ma sarx fil-presenza tal-konvenut u di fatti l-konvenut jattakka l-veracità u b' hekk il-valur probatorju ta' dak l-inventarju. Fic-cirkostanzi Giuseppe Galea kellu l-oneru li b'xi mod jikkorobora l-inventarju minnu imhejji w esebit izda tali prova korroborattiva ma saritx. Skond Galea prezenti mieghu fil-post meta sar l-inventarju kien hemm certu Joseph Calleja izda ghal xi raguni dan l-individwu ma tressaqx bhala xhud biex jikkonferma dak li presumibilment ra meta acceda fil-fond flimkien ma' Giuseppe Galea.

Anke kieku stess il-Qorti kellha taccetta bhala fatt ippruvat li Galea sab diversi oggetti imkissra jew neqsin, ghall-maggor parti ta' dawn l-oggetti l-valur tad-dannu pretiz minn Galea ma gie bl-ebda mod sostanzjat u fejn gew esebiti xi dokumenti, bhalma huma d-dokumenti a fol. 29,

---

16 Fol. 22 u 23 tal-process.
17 Fol. 28 sa’ 32 tal-process.

30 u 31 tal-process, dawn xorta ma fihom xejn x'jindika li jirreferu proprio ghal oggetti li kienu fil-fond mikri lill-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti tali distinzjoni fic-cirkostanzi hija ferm importanti peress illi rrizulta li Giuseppe Galea kien proprjetarju ta' diversi flats ohra fl-istess blokka tal-flat mikri lill-konvenut u dawn ukoll kienu mikrijin ghand terzi. Ghalhekk id-danni pretizi minn Giuseppe Galea, u llum mill-atturi ahwa u armla Galea, ghall-oggetti allegatament misjuba mkissrin jew neqsin fil-fond li kien mikri lill-konvenut ma jistghux jigu akkordati favur taghhom minhabba nuqqas ta' prova.

Fit-talba ghad-danni Giuseppe Galea zied ukoll is-somma ta’ Lm81.33 dovuta ghall-konsum ta’ dawl u ilma ghall-perijodu bejn it-30 ta’ Lulju 1998 u t-18 ta’ Ottubru 1999 u dana skond kont datat 20 ta' Ottubru 1999 esebit minnu a fol. 32 tal-process. Il-Qorti tibda billi tosserva li ghalkemm dak il-kont jirreferi ghall-fond Flat 2, St. Joseph Mansions, Triq il-Gdida, Luqa, in verità dan jirrifletti l-konsum ta' dawl u ilma fil-fond mikri lill-konvenut. Mix-xhieda ta' Eric Montfort in rapprezentanza tal-Korporazzjoni Enemalta, jirrizulta li l-meter li skond ir-*records* tal-Korporazzjoni jghajjat lill-flat 2 fil-fatt jirreferi ghall-flat 3: *in rigward meter numru 944865 u li jirreferi ghall-kont numru 840303130* [il-kont a fol. 32 tal-process] *dan ukoll jappartjeni lil St. Joseph Mansions izda Flat 2. Dan inbidillu n-numru tal-flat u minn numru 2 sar in-numru 3. Avolja saru l-bidliet fin-numru tal-bibien pero n-numru tal-meters u n-numri rilevanti qatt ma nbidlu. ... Jidher li sabiex nivverifikaw il-bdil kienu marru tal-Enemalta stess billi impjegati ta' l-Enemalta marru fuq il-post fizikament. Dan il-verifikar li sar fizikament kien sar matul Awwissu 2004. Ghalhekk il-bdil fin-numri f'dan il-kaz ma kienx ikun rifless fil-kontijiet sa' Awwissu 2004*[18].

Ghalkemm l-ammont ta' Lm81.33 ma jirrapprezentax dannu li sar fil-fond innifsu jew fl-oggetti mobbli ta' gol-fond, fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti jirrizulta li minhabba l-fatt li l-konvenut ma hallasx fl-intier tieghu dak minnu dovut ghall-konsum ta' dawl u ilma, hekk kif kien

[18] Xhieda moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ April 2000, fol. 117 sa’ 120 tal-process.

kuntrattwalment obbligat li jaghmel[19], Giuseppe Galea sofra dannu ghaliex dawn il-hlasijiet kellu jeffetwahom hu. Il-fatt li l-kontijiet tad-dawl u ilma pendenti effettivament thallsu jirrizulta mix-xhieda ta' Eric Montfort moghtija waqt is-seduta ta’ l-20 ta’ April 2005[20] fejn iddikjara li jirrizulta *in rigward sospensjoni ta’ servizzi tad-dawl dawn kienu sehhu bejn Gunju 1999 u Gunju tal-2001. Dan kien gara minhabba l-fatt li l-kontijiet ma kienux qed jithallsu. In rigward dawn iz-zewg flats li ghamilt referenza ghalihom zgur li kien hemm sospensjoni tas-servizz tal-elettriku. Fil-fatt kienu thallsu l-arretrati kollha u ghalhekk is-servizz inghata lura liz-zewg flats li semmejt.* Ghalkemm ma gietx esebita ricevuta relattiva ghall-hlas, il-Qorti hija konvinta li l-probabilità preponderanti hi li l-hlas gie effettwat minn Giuseppe Galea.

Madanakollu però d-dannu arrekat lil Giuseppe Galea huwa f'ammont inqas minn Lm81.33 kif  minnu pretiz ghaliex mir-ricevuti esebiti mill-konvenut - Dok. "CS1" a fol. 35 sa' 48 tal-process - jirrizulta li l-konvenut kien già hallas ammont dovut ghal parti minn dan il-perijodu. Il-hlas li qed issir referenza ghalih huwa dak li jirrizulta mir-ricevuti a fol. 48 tal-process datati rispettivament 15 ta' Lulju 1999 u 14 ta' Awwissu 1999, minn fejn jiirrizulta li ghall-konsum tad-dawl u ilma ghall-perijodu bejn it-3 ta' Dicembru 1998 u t-28 ta' Frar 1999, il-konvenut hallas is-somma ta' Lm26.83. Id-dannu arrekat lil Giuseppe Galea b'konsegwenza ta' l-inadempjenza kontrattwali tal-konvenut ghalhekk huwa ta' Lm54.50, illum ekwivalenti ghal **€126.95**.

Fic-cirkostanzi ghalhekk l-ammont li l-knvenut hu tenut ihallas lill-atturi in linea ta' danni huwa s-somma ta' €126.95.

**<u>Kontro-talba tal-konvenut</u>:**

Il-konvenut qed jippretendi hlas tad-danni minghand l-atturi ghaliex skontu fil-granet precedenti l-1 ta’ Ottubru

[19] Klawsola 9 ta’ l-iskrittura privata datata 13 ta’ Mejju 1997, fol. 20 u 21 tal-process.
[20] Fol. 117 sa’ 120 tal-process.

1999, fiz-zmien meta kien qed jokkupa l-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, u kellu l-kera mhallsa, Giuseppe Galea ha passi li wasslu ghall-qtugh tal-provvista ta’ l-elettriku fil-fond in kwistjoni. Waqt is-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2002[21], fir-rigward il-konvenut xehed illi *s-sid beda jitfili d-dawl mill-meter li kien in-naha ta’ isfel tal-blokk. Minhabba hekk beda jwaqqali u jitfili l-fridge kull tarba. … Niftakar li fuq talba tas-sid kien gie maqtugh id-dawl fil-post tieghi, però l-Enemalta kienu gew fuq talba ta’ l-istess sid, tawni d-dawl lura u dan ghal hin qasir, fil-fatt wara ftit rega’ nqatgha. Ghalhekk bejn Novembru u Settembru 1999, ma nistax nghid li jiena kont dejjem bla dawl, kienu wara li gew impjegati tal-Enemalta li jiena kont gejt bla dawl. Niftakar li kont tlabt minhabba hekk biex niehu dawl mill-appartament ta’ tahtna, però sid kien imminaccjhom li kien ser ikeccihom. Dan ghamiltu minhabba l-emergenza li kelli. Minhabba dak li kien qed jigri jiena ghalhekk mort post iehor, sibt post B’Bugia. Bhala kera fil-post ta’ B’Bugia kelli nhallas (Lm50.00) hamsin lira maltija fix-xahar. … Minhabba c-caqliq minn post ghal iehor f’B’Bugia kelli problema rigward il-posta. Din il-problema fil-fatt bdiet qabel ma gejt mitlub niltaq mill-post.*

Ghalkemm mix-xhieda ta’ Eric Montfort jirrizulta li skond ir-*records* tal-Korporazzjoni Enemalta l-provvista tad-dawl fil-flat in kwistjoni ma inqatghetx fuq talba ta’ Giuseppe Galea izda mill-Korporazzjoni stess minhabba nuqqas ta’ hlas ta’ kontijiet, l-istess Giuseppe Galea ikkonferma li huwa kien talab u ottjena minghand il-Korporazzjoni l-qtugh tal-provvista tad-dawl tal-fond mikri lill-konvenut ghaliex ma kienx qed ihallas ghall-konsum ta’ dawl u ilma - *jiena ghalhekk staqsejt lill-konvenut sabiex ihallas. Meta ma hallasx, jiena mort ghand il-gvern sabiex jinqata’ d-dawl u ilma, kif fil-fatt gara. In rigward l-ilma, però ma stajniex naqtawh minn barra u ghalhekk dhalt jien bic-cavetta tieghi, u ghalaqt l-istop cock. Fil-fatt il-konvenut rega’ fetah l-istop cock u issegah. Fil-fatt jiena ma ghalaqtx l-istop cock gewwa d-dar izda minn fuq il-bejt,*

[21] Fol. 55 sa’ 65 tal-process.

*hdejn it-tank u isfel mal-meter. Il-meter kien fejn il-bieb ta' barra ta' l-istess blokk flats*[22].

Nonostante din l-ammissjoni ta' Giuseppe Galea fir-rigward tal-qtugh tal-provvista tad-dawl, il-konvenut però ma ppruvax b'mod sodiafcenti l-allegati danni minnu sofferti b'konsegwenza ta' l-agir ta' Galea. In effetti ghalkemm waqt it-trattazzjoni orali gie allegat li l-affarijiet kollha li l-konvenut kellu fil-fridge hzienu minhabba l-qtugh tal-provvista tad-dawl prova f'dan ir-rigward ma tressqitx. L-unika haga li qal il-konvenut fir-rigward kien biss li *minhabba hekk beda jwaqqali u jitfili l-fridge kull tarba,* affermazzjoni li wahedha ma tikkostiwixxix prova sodisfacenti tad-dannu u certament ma tistax twassal ghall-kwantifikazzjoni tad-dannu hekk allegatament soffert. Il-konvenut jikkontendi wkoll li ghalkemm kellu l-kera imhallas sa' Novembru 1999, minhabba l-agir ta' Giuseppe Galea gie kostrett jitlaq mill-fond in kwistjoni u jikri post iehor f'B'Bugia versu l-kera ta' Lm50 fix-xahar. F'dan ir-rigward ukoll però ma saritx prova sodisfacenti tad-dannu minnu allegatament soffert ghaliex ma pprezenta ebda dokument - kuntratt jew imqar ricevuta - li tikkonferma li huwa effettivament kera post iehor b'kera ta' Lm50 fix-xahar. Apparte minn hekk, ghalkemm il-konvenut seta' gie kostrett jitlaq mill-fond in kwistjoni. Inhabba l-agir ta' Giuseppe Galea, huwa xorta zamm il-fond fil-pussess tieghu sa' Novembru 19999 - ossia tul il-perijodu li ghalih hallas il-kera - u rritorna c-cwievet lil Galea biss meta skada l-perijodu kopert bil-hlas tal-kera.

Ghalhekk fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti tad-danni minnu allegatament sofferti b'konsegwenza ta' l-agir ta' Giuseppe Galea, il-kontro-talba tal-konvenut ma tisthoqqx li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

In kwantu rigwarda t-talbiet attrici –

---

[22] Xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tas-17 ta' Jannar 2001, fol. 16 sa' 19 tal-process.

1. Tilqa’ l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tichad it-talba attrici ghall-hlas tas-somma ta’ Lm110 rapprezentanti arretrati ta’ kera ghall-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, ghax-xhur ta’ Ottubru u Novembru 1999;
2. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut u tilqa’ t-talba attrici ghall-hlas tad-danni kagunati waqt li l-konvenut kien qed jokkupa l-fond Flat 3, St. Joseph Mansions, New Street, Luqa, tillikwida d-danni fl-ammont ta’ €126.95 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi l-imsemmija somma ta’ €126.95, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza sad-data ta’ l-effettiv pagament;
3. L-ispejjez relattivi ghat-talbiet attrici jigu sopportati in kwantu ghal terz mill-atturi u zewg terzi mill-konvenut.

In kwantu rigwarda l-kontro-talba tal-konvenut –

Tichad it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut stante li ma rnexxilux jipprova b’mod sodisfacenti d-danni minnu allegatament sofferti. L-ispejjez relattivi ghall-kontro-talba jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------